MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 749/2001/1

**Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha Bank of Valletta plc abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi u l-istess Bank of Valletta plc**

**Vs**

**Power Cut Limited u Maltacom plc jew min minnhom**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici nomine et talbu sabiex dawk konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lill-istess socjeta attrici nomine et is-somma komplessiva ta' Lm1,699.06 (elf sitt mija u disgha u disghin lira u sitt centezmi) (kwantu ghal Lm1674.06 lil Middle Sea Insurance plc u kwantu ghal Lm25.00 lil Bank of Valletta plc.), jew somma ohra verjuri li tigi hekk likwidata minn dina l-Qorti, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi, rappresentanti d-danni

sofferti mill-atturi b'risultat tal-kollizjoni li grat fil-11 ta' Frar 2000 f'Valletta Road, Mosta, liema danni jew kawzati minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta' hila fix-xoghol tal-konvenuti jew min minnhom.

Bl-imghax legali mid-data tal-avviz u bl-ispejjez kontra l-konvenuti jew min minnhom, li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta Maltacom plc (fol 4 tal-atti u li biha eccepiet bir-rispett:-

Illi s-socjeta kummercjali Maltacom p.l.c. tirribatti kull u kwalunkwe pretenzjoni maghmula fl-avviz fuq indikat, ghall-ragunijiet aktar l-isfel indikati.

Illi x-xoghol ta' trenching f'Valletta Road, Mosta fi Frar, tas-sena elfejn, kien sar mill-kuntrattur Power Cut Limited.

Illi jekk kien hemm xi negligenza, traskuragni u/jew nuqqas ta' hila fix-xoghol, kien da parti assoluta tal-kuntrattur Power Cut Ltd, u mhux tal-Maltacom p.l.c.

Ghaldaqstant, is-socjeta kummercjali Maltacom p.l.c. tirrileva li mhijiex il-legittimu kontradittur.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta Power Cut Limited (fol 6 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Preliminarjament illi s-socjetajiet attrici ghandhom jindikaw b'mod car l-origini tal-pretensjoni taghhom billi jipprovdu dettalji dwar l-allegata kollizjoni, u ghalhekk is-socjeta' eccipjenti qeghda minn issa tirriserva li, bl-awtorizzazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, taghti eccezzjonijiet ohra, jekk ikun il-kaz.
2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta' eccipjenti mhix responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mill-atturi;
3. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa kontestat;
4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 71 tal-atti.

Semghet it-trattazzjoni da parti tal-abili difensur tas-socjeta attrici nomine et.

Ikkunsidrat

Illi jigi rilevat minnufih illi kif xehdet WPC 201 Cheryl Ann Mizzi (fol 21 et seq tal-atti) f'dan l-kaz, ma kienx sar skizz tal-incident in esami u dan peress illi z-zewg sewwieqa involuti John Soler u Johann Borg, kienu ghamlu personalment r-rapport relattiv fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Mosta u b'hekk il-vetturi involuti ma kienux thallew fil-post u l-ebda fizzjal tal-Pulizija ma kien mar bhala konsegwenza fuq il-post tal-incident (ara fol 25 sa fol 28 tal-atti dwar ir-rapport bil-miktub esebit mill-istess xhud u dak li xehed l-ex P.S. 934 Michael Buttigieg a fol 68 et seq ibid). Pero kif xehed Andrew Pizzuto, 'claims manager' tas-socjeta attrici, kienu ittiehdu erba' (4) ritratti bil-kulur tal-post tal-incident li jinsabu annessi mal-atti a fol 31) liema ritratti juru l-aktar fattur rilevanti f'dan il-kaz cjoe il-'barriers' li ser jissemmew aktar l'isfel.

Illi John Soler spjega (a fol 44 et seq ibid) illi, meta kien diga 'dalam cappa' kien qed jsuq il-vettura, 'Honda Civic' numru BAT 672, assikurata mas-socjeta attrici u appartenenti lill-Bank imsemmi, fuq l-'inner lane' ta' Valletta Road u fid-direzzjoni ta' Hal Lija. In rigward il-velocita tieghu, x-xhud semma dik ta' 30 mil fis-siegha. Meta kien madwar 25 metru il-boghod, hu kien ra, quddiemu, 'crash barrier' u fi kliemu stess 'swervjajt fuq l-'outer lane' sabiex nevitaha', liema 'barrier' kienet minghajr dwal. Avolja kien ghamel din il-manuvra, xorta wahda kienet intlaqtet il-'barrier' bin-naha tax-xellug tal-karozza tieghu. In oltre fl-istess waqt u fuq l-'outer lane' kien hemm il-vettura misjuqa minn Johann Borg u '…... minhabba l-'evasive action' tieghu hakkikna ma xulxin'. L-istess xhud spjega ulterjorment illi wara l-imsemmi barrier kien hemm hofra kbira u illi 'Avolja hemm dawl tal-Gvern

hemmhekk, f'dik it-triq hemm sigar pjuttost kbar' kif filfatt jidher fuq ir-ritratti gja msemmija.

Illi dak li xehed John Soler gie konfermat, sostanzjalment, mix-xhud Johann Borg li kien qed jsuq il-vettura l-ohra involuta. Pero hu kien issottolinea (a fol 47 u fol 48) illi 'In rigward il-'barrier' ma kien hemm xejn li jigbidlek l-attenzjoni li t-triq kienet maghluqa b'dak il-'barrier' "

Ikkunsidrat

Illi, da parti tas-socjetajiet konvenuti, xehed, biss, Joseph Cachia (fol 72 ibid) in rappresentanza ta' Power Cut Limited. Dan spjega li din is-socjeta kienet kuntrattur tas-socjeta Maltacom plc u kienet giet inkarigat minnha sabiex tesegwixxi xoghol ta' skavar ta' trinek fl-imsemmija triq. In rigward l-imsemmi 'barrier' jew 'barriers' ix-xhud sahaq li matul il-lejl kien jkun hemm '… fanal wiehed ma kull barrier' u dan '… in-naha ta' fuq'. Pero waqt il-kontroesami ix-xhud kien qal testwalment in rigward id-dwal illi 'Jiena nghid li dan jsir normalment'. Bil-gurament tieghi nghid, fuq domanda tal-Qorti stess, li "suppost f'dan il-kaz kien hemm id-dwal". Hawnhekk u bil-mod kif xehed, il-Qorti tara illi l-istess xhud ma kienx cert jekk, effettivament kien hemm dwal mpoggija fuq il-'barriers' ossija lqugh indikati meta gara l-incident izda irrefera biss ghal dak li jsir bhala norma.

Ikkunsidrat

Illi in rigward is-socjeta konvenuta Maltacom plc jidher li din giet imharrka bhala l-persuna guridika li inkarigat lis-socjeta Power Cut Ltd sabiex tesegwixxi x-xoghol ta' skavar fil-post imsemmi. Konsegwentement, hu applikabbli, f'dan il-kaz, l-artikolu 1037 tal-Kodici Civili in rigward 'culpa in eligendo'. Fl-istess kaz, ma giex pruvat illi s-socjeta, Maltacom plc, agixxiet b'dan il-mod in vista li ma irrisultax mill-provi prodotti illi din is-socjeta kienet inkompetenti fl-ghazla tal-kuntrattur jew li kellha 'reasonable grounds' sabiex tikkonsidra lill-istess kuntrattur bhala tali.

Ikkunsidrat

Illi, fuq basi ta' probabilta, jidher illi l-ilqugh in kwisjtoni kienu sprovisti kemm minn dawl kemm minn xi mezz iehor adekwat sabiex jindika lis-sewwieqa, ghaddejjin mill-istess triq, bil-presenza tal-ilqugh jew 'barriers' li kienu qeghdin mpoggija madwar hofra kbira. Dan il-fattur juri traskuragni da parti tas-socjeta, Power Cut Limited, li ma setghetx ma tipprevedix illi tali ammissjoni da parti taghha setghet tikkaguna incident bhal dak in esami, facilment, evitabbli, permezz ta' dawl adekwat sabiex jindika l-presenza tal-istess barriers. Ghandu jigi sottolineat illi l-istess barriers, kif jidher mill-imsemmi ritratti, kienu parzjalment, mohbiija mis-sigar li hemm fil-post fuq in-naha tax-xellug tat-triq.

Ikkunsidrat

Illi in rigward il-'quantum' ta' danni pretizi issir referenza ghax-xhieda ta' Andrew Pizzuto (fol 29 u fol 49 et seq ibid) u ghad-dokumenti kollha esebiti minnu. Jigi notat li l-istess 'quantum' ma jidhirx li gie kontestat b'xi prova kontrarja (ara ukoll, fol 56 u fol 71 ibid).

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, filwaqt li tichad it-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta Maltacom plc, u tillibera lil din is-socjeta mill-osservanza tal-gudizzju tilqa t-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta, Power Cut Limited u:

1. Tiddikjara illi l-incident in esami gara unikament minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta' hila fix-xoghol da parti ta' din is-socjeta konvenuta;
2. tillikwida l-ammont komplessiv ta' danni fis-somma ta' Lm1699.06,0 u;
3. tikkundanna lis-socjeta, Power Cut Limited sabiex thallas lis-socjeta Middle Sea Insurance plc nomine s-somma ta' Lm1674.06 u lis-socjeta, Bank of Valletta plc is-somma ta' Lm25.00 bl-imghax legali mill-21 ta' Awissu, 2001 sad-data tal-pagament effettiv; bl-ispejjes ta' dawn il-proceduri kontra l-istess 'Power Cut Limited".

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------